MALTA

ATT Nru. XVII ta' l-1995

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jipprovdi għall-istralċ u distribuzzjoni ta' attiv li jappartjeni lil entijiet kontrollati.

ACT No. XVII of 1995

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to make provision for the liquidation and the distribution of assets belonging to controlled entities.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

UGO MIFSUD BONNICI
President

9 ta' Ġunju, 1995

ATT Nru. XVII ta' l-1995

ATT biex jipprovdi għall-istralċ u distribuzzjoni ta' attiv li jappartjeni lil entijiet kontrollati.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1995 dwar Kumpanniji Kontrollati (Proċedura ta' Stralċ).

(2) Dan l-Att għandu jibda' jseħħ f'dik id-data li l-Ministru jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta.

Tifsir.

2. F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor —

"Attiv kontrollat" tfisser u tinkludi bank jew istituzzjoni ta' kreditu oħra, proprjetà, soċjetà, ażjenda jew negozju ieħor li dwaru l-Ministru, skond l-artikolu 18 ta' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 215 tal-Liġijiet ta' Malta li sar liġi bl-Att V ta' l-1970 u kif sussegwentement emendata) li ġie issa imħassar, jew il-Bank Centrali ta' Malta skond l-artikolu 29 ta' l-Att ta' l-1994 dwar il-Kummerċ Bankarju (Att Nru. XV ta' l-1994) li daħal minflok l-imsemmi Att dwar il-Kummerċ Bankarju, Kap. 215 tal-Liġijiet ta' Malta, ikun ħatar persuna jew persuni biex jassumu kontroll tagħhom;

"Kontrollur" tfisser persuna maħtura mill-Ministru skond l-artikolu 18 ta' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 215 tal-Liġijiet ta' Malta li sar liġi bl-Att V ta' l-1970 u kif sussegwentement emendata) li ġie issa mħassar, jew mill-Bank Ċentrali ta' Malta skond l-artikolu 29 ta' l-Att ta' l-1994 dwar il-Kummerċ Bankarju (Att Nru. XV ta' l-1994) li daħal minflok l-imsemmi Att dwar il-Kummerċ Bankarju, Kap. 215 tal-Liġijiet ta' Malta;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi.

Applikabilità.

3. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' l-Att ta' l-1994 dwar il-Kummerċ Bankarju għandhom ikunu japplikaw għal kull attiv kontrollat li dwaru l-Bank Ċentrali ta' Malta jkun għamel ordni għall-istralċ tiegħu bis-saħħa ta' dan l-Att.

(2) Fl-għemil ta' ordni għal stralċ il-Bank Ċentrali ta' Malta jista' jordna li xi attiv kontrollat li jkun hemm, jistgħu, għall-għanijiet ta' l-istralċ li jsir bis-saħħa ta' dan l-Att, jitqiesu bħala enti wieħed.

Pretensjonijiet kontra attiv kontrollat.

4. (1) Meta l-Bank Ċentrali ta' Malta jagħmel ordni għall-istralċ ta' attiv kontrollat, il-Kontrollur għandu jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta fejn isejjaħ lil kull kreditur li jista' jkollu xi pretensjoni kontra jew fuq l-attiv kontrollat sabiex iressaq quddiemu dik il-pretensjoni fi żmien tlett xhur mid-data ta' dak l-avviż. Il-Kontrollur għandu, flimkien ma' dak l-avviż, jippubblika lista ta' kredituri li jkunu minnu rikonoxxuti bħala li għandhom pretensjoni valida kontra l-attiv kontrollat, kif ukoll l-ammont dovut mill-attiv kontrollat għal dik il-pretensjoni.

(2) Persuna li tonqos milli tressaq il-pretensjoni tagħha fiż-żmien mogħti għandha tinżamm milli tressaq dik il-pretensjoni u kull pretensjoni bħal dik ma għandhiex titqies mill-Kontrollur fl-istralċ u fl-iskema ta' distribuzzjoni ta' l-attiv kontrollat:

Iżda kreditur li jkollu l-pretensjoni tiegħu rikonoxxuta mill-Kontrollur skond dan l-artikolu ma jenħtieġx li jressaq il-pretensjoni tiegħu f'dak il-perijodu.

(3) Il-Kontrollur għandu, meta jiskadi ż-żmien imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, jippubblika fil-Gazzetta elenku komprensiv tal-pretensjonijet kollha li jkunu sarulu jew li jkunu ġew rikonoxxuti minnu.

(4) Kull min ikollu xi interess fl-istralċ jew fl-iskema ta' distribuzzjoni ta' attiv kontrollat jista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' l-elenku msemmi fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, joġġezzjona għal pretensjoni li tkun rikonoxxuta mill-Kontrollur jew li tkun saret skond dan l-artikolu.

Liema proċedura tiġi adottata mill-Kontrollur.

5. (1) Il-Kontrollur jgħaddi biex jiddeċiedi dwar il-pretensjonijiet u oġġezzjonijiet li jsirulu, biex jagħlaq u jagħmel stralċ ta'

kull attiv kontrollat, li jaħtar awditur indipendenti sabiex jagħmel il-verifika tal-kontijiet tiegħu, u sabiex jifformula skema ta' distribuzzjoni u jagħmel rapport dwarha lill-Ministru.

(2) Estratt ta' rapport mill-Kontrollur li jkun juri min huma l-krediturі li huwa jirrikonoxxi bħala li għandhom pretensjoni valida fuq l-attiv kontrollat, l-ammont dovut fuq dik il-pretensjoni, u kull dritt ta' preferenza li dawk il-pretensjonijiet jista' jkollhom, għandu jiġi pubblikat mill-Kontrollur fil-Gazzetta.

(3) Fl-għemil tar-rapport u fil-formulazzjoni ta' l-iskema ta' distribuzzjoni, il-Kontrollur għandu jistabbilixxi d-data minn meta l-attiv kontrollat kien insolventi.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 29 ta' l-Att ta' l-1994 dwar il-Kummerċ Bankarju, id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 485 tal-Kodiċi tal-Kummerċ għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għal attiv kontrollat: Kap. 13.

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu ma għandhomx ikunu japplikaw għal kull att magħmul mill-Kontrollur jew taħt l-awtorità tiegħu.

(5) Meta attiv kontrollat, jew is-sid, id-direttur jew il-*manager* tiegħu jwettqu xi att jew jonqsu milli jagħmlu xi att, u dan jirriżulta fil-privazzjoni frawdolenti tal-jeddijiet tal-krediturі ta' dak l-attiv kontrollat, il-Kontrollur ikollu jedd, skond il-każ, li ma jagħtix każ ta' dak l-att li jkun hekk intgħamel jew li jqis li dak l-att ikun bħallikieku sar minkejja n-nuqqas milli jagħmlu dak l-att.

(6) Il-Kontrollur għandu filwaqt li jkun qiegħed jifformula l-iskema ta' distribuzzjoni, jgħaddi biex jiggradwa dawk il-krediturі li jkollhom xi rahan, privileġġ jew ipoteka skond il-liġi li tkun qegħda attwalment issehħ filwaqt tad-distribuzzjoni:

Iżda rahan jew privileġġ li jsiru, jinħolqu jew jiġu reġistrati wara d-data stabbilita mill-Kontrollur skond is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, ma għandhomx ikollhom effett kemm-il darba dak ir-rahan jew privileġġ ma jkunux inħolqu mill-Kontrollur:

Iżda wkoll id-drittijiet u l-ispejjeż sopportati mill-Kontrollur fl-amministrazzjoni, kontroll u stralċ ta' xi attiv kontrollat għandhom jiggradwaw qabel kull pretensjoni oħra tkun li tkun.

6. (1) Kull min iħoss ruħu aggravat bir-rapport u bl-iskema ta' distribuzzjoni magħmula mill-Kontrollur ikollu dritt ta' appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli mwaqqaf b'dan l-Att bil-mezz ta' rikors li jsir fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta ta' l-estratt tar-rapport imsemmi fl-artikolu 5 ta' dan l-Att. Dritt ta' appell mill-parti aggravata.

(2) Fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' l-estratt tar-rapport u ta' l-iskema ta' distribuzzjoni msemmija fl-artikolu 5, il-

Kontrollur għandu jirreferi dak ir-rapport u dik l-iskema ta' distribuzzjoni lill-Bord ta' l-Appelli għall-approvazzjoni jew varjazzjoni tiegħu.

Bord ta' l-Appelli.

7. (1) Għandu jitwaqqaf għall-għanijiet ta' dan l-Att, Bord li jkun magħruf bħala l-Bord ta' l-Appelli li jkun magħmul minn *Chairman* u minn żewġ membri oħra li jinħatru mill-Ministru.

(2) Qabel ma jibdew jeżerċitaw il-kariga tagħhom il-membri tal-Bord għandhom jieħdu ġurament quddiem l-Avukat Ġenerali li jeżaminaw u jiddeċiedu dwar kull kwistjoni li tiġi lilhom riferita b'kull ekwità u imparzjalità.

(3) Iċ-*Chairman* ikun avukat li jkollu mill-anqas tnax-il sena ta' prattika legali.

(4) Iż-żewġ membri l-oħra msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom ikunu persuni li, fil-fehma tal-Ministru, ikollhom il-perizja u esperjenza meħtieġa fil-kummerċ bankarju jew servizzi finanzjarji.

(5) Il-membri tal-Bord għandhom jiġu maħtura għal dak il-perijodu li jista' jistabbilixxi l-Ministru fl-ittra tal-ħatra tagħhom, liema perijodu ma jkunx aktar minn tlett snin, u jistgħu biss jitneħħew mill-Ministru fuq il-parir tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja għar-raġuni li jiġi pruvat li ma jkunux kapaċi jwettqu l-funzjonijiet tal-kariga tagħhom sew jekk dan ikun minħabba f'nuqqas ta' saħħa fiżika jew mentali jew kull raġuni oħra li tkun, jew minħabba f'imġieba ħażina li tiġi pruvata.

Setgħat tal-Bord.

Kap. 12.

8. (1) Il-Bord ikollu dawk is-setgħat kollha li bil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huma vestiti fil-Prim 'Awla tal-Qorti Ċivili.

(2) Kull mandat jew ordni li jinħareġ mill-Bord għandu jiġi ffirmat miċ-*Chairman* u ċertifikat mir-Reġistratur.

(3) L-esekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Bord bil-mod preskritt fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandha tiġi dekretata miċ-*Chairman* tal-Bord.

(4) Id-deċiżjonijiet tal-Bord ikollhom is-saħħa ta' titoli eżekuttivi.

Seduti u reġistru tal-Bord.

9. Kemm-il darba l-Ministru ma jordnax mod ieħor, il-Bord għandu jagħmel is-seduti tiegħu fl-edifiċju tal-Qrati ta' Malta, u r-reġistru tal-Qrati Superjuri jkun ir-reġistru tal-Bord.

Ġurisdizzjoni tal-Bord.

10. (1) Il-Bord ikollu l-ġurisdizzjoni unika u esklużiva li jisma' u jiddeċiedi dwar:

(a) kull appell magħmul minn deċiżjoni tal-Kontrollur dwar xi pretensjoni;

(b) kull pretensjoni li ssir mill-Kontrollur kontra terża parti inkluża pretensjoni għar-radd lura ta' proprjetà li tkun fil-pussess ta' terzi persuni;

(ċ) kull ħaġa li għandha x'taqsam ma', jew li titnissel mir-rapport u l-iskema ta' distribuzzjoni pubblikati mill-Kontrollur;

(d) kull pretensjoni li ssir kontra xi Kontrollur li titnissel b'kull mod li jkun mill-amministrazzjoni u mill-istralċ ta' xi attiv li jkun qiegħed jikkontrolla.

(2) Il-Bord ikollu wkoll il-ġurisdizzjoni unika u esklużiva biex jinforza id-deċiżjonijiet mogħtija minnu kif ukoll kull sentenza mogħtija minn qorti kompetenti f'Malta kontra l-Kontrollur.

Deċizjonijiet tal-Bord.

11. (1) Id-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom jingħataw fil-Qorti bil-miftuħ.

(2) Id-deċiżjonijiet tal-Bord għandhom isiru skond maġġoranza tal-voti.

Appell minn punti ta' liġi.

12. (1) Id-deċiżjonijiet tal-Bord ikunu finali ħlief għal dawk il-punti ta' liġi li jiġu deċiżi mill-Bord li dwarhom ikun jista' jsir appell għal quddiem il-Qorti ta' l-Appell.

(2) Appell li jsir bis-saħħa ta' dan l-artikolu jintgħamel b'rikors quddiem il-Qorti ta' l-Appell li għandu jiġi preżentat fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-jum meta l-Bord jagħti d-deċiżjoni tiegħu.

Pretensjonijiet pendenti.

13. Kull kawża u pretensjoni li jinsabu pendenti quddiem il-Prim 'Awla tal-Qorti Ċivili u quddiem il-Qorti tal-Kummerċ u li jkunu kawżi u pretensjonijiet kontra l-Kontrollur ta' attiv kontrollat li dwaru jkun inħareġ ordni għal stralċ bis-saħħa ta' dan l-Att, għandhom jiġu trasferiti lill-Bord ta' l-Appelli u għandhom jitkomplew jinstemgħu u jiġu deċiżi minn dak il-Bord:

Iżda ebda ħaġa li tinsab f'dan l-Att ma għandha tnaqqas mill-ġurisdizzjoni tal-Qorti ta' Appell li tkompli tisma' kull każ li jinsab pendenti quddiemha;

Iżda wkoll il-Kontrollur ikollu s-setgħa li jirriferi kull ħaġa għall-arbitraġġ b'dawk il-patti u kondizzjonijiet li jista' jqis li jkunu xierqa, u kull ħaġa hekk riferita, kif ukoll ħaġa riferita għall-arbitraġġ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, għandha tinstama' u tiġi deċiża minn u skond it-termini ta' referenza biex isir arbitraġġ minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

Likwidazzjoni u distribuzzjoni ta' l-attiv.

14. Malli jintemm kull appell u malli l-Bord jagħti d-deċiżjoni tiegħu tar-referenza li tkun saritlu dwar l-iskema ta' distribuzzjoni, il-Kontrollur għandu jgħaddi biex jillikwida u jqassam l-attiv li jkollu fil-kontroll tiegħu skond l-iskema ta' distribuzzjoni tiegħu kif tkun ġiet emendata jew approvata, skond il-każ, mill-Bord.

Thassir ta' l-isem ta' kumpannija jew ta' soċjetà.

15. (1) Il-Kontrollur għandu wkoll, skond l-artikolu 161 ta' l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali, jew kull dispożizzjoni ta' kull liġi oħra li tissostitwixxi dik l-Ordinanza, jibgħat avviż ta' dik l-approvazzjoni lir-Reġistru sabiex huwa jirreġistrah, u malli jsir dan, ir-Reġistratur għandu jħassar isem-il kumpannija jew soċjetà minn fuq ir-reġistru.

Kap. 168.

(2) Il-Kontrollur, flimkien ma' l-avviż imsemmi, għandu jibgħat ukoll kull ktieb u dokument ieħor tal-kumpannija lir-Reġistratur, li mbagħad iżommhom għal żmien għaxar snin mid-data meta isem il-kumpannija jew soċjetà jkun thassar minn fuq ir-reġistru.

Immunità legali.

16. Ma tista' ssir ebda azzjoni kontra l-Kontrollur, il-Bord ta' l-Appelli jew il-Gvern għal xi ħaġa li ssir bis-saħħa ta' dan l-Att jew ta' l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju u dan l-artikolu għandu japplika mid-data tan-nomina tal-Kontrollur ukoll jekk dik id-data tkun qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.

Tneħħija ta' obbligazzjoni fiskali jew ta' taxxa.

17. Il-Ministru jista' b'ordni jneħħi kull obbligazzjoni fiskali jew ta' taxxa, jew parti minnha, li jkunu dovuti minn attiv kontrollat li dwaru jkun sar ordni għal stralċ.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 427 tat-30 ta' Mejju, 1995.

LAWRENCE GONZI
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati